# LECTIO DIVINA

# IL-XXXI ĦADD MATUL IS-SENA (A)

**Mt 23, 1-12**

Tintemm id-diskussjoni tal-Fariżej u s-Sadduċej ma' Ġesù, iżda hu jibqa fit-Tempju, u jibda jkellem lid-dixxipli tiegħu fuq il-Kittieba u l-Fariżej. F'Mark il-kritika ta' Ġesù hija limitata għal tliet versi (cfr., 12, 38-40), filwaqt li Mattew jestendiha għal kapitlu sħiħ. Il-kap. 23 jista' jinqasam f'żewġ partijiet. L-ewwel parti hija minn v. 1-12 (is-silta preżenti) u fiha Ġesù jiftaħ għajnejn id-dixxipli tiegħu mill-għemil tal-Fariżej. Fit-tieni parti (v. 13-37) Ġesù waqt li jibqa jkellem lill-ġemgħa jikkundanna b'mod dirett lill-Fariżej billi juża għal seba' darbiet il-formola "ħażin għalikom", u jagħlaq id-diskors tiegħu b'lamentazzjoni fuq Ġerusalemm.

Is-silta tal-lum għandha stil antitetiku: l-ewwel jiġi deskritt l-istil ta' ħajja tal-Fariżej, imbagħad bil-frażi "imma intom" (v. 8) issir l-eżortazzjoni biex il-komunità tgħix bil-kontra ta' dan l-istil. It-tema ewlenija hija l-awtorità fil-komunità, u d-dinamiċi relazzjonali ħżiena li kif kienu ta' theddida għas-sinagoga bl-istess mod jheddu lill-Knisja. Għal darb'oħra Mattew qed jirreferi għall-attwalità tal-Knisja u mhux biss għal xi grupp Lhudi.

**F'dak iż-żmien, Ġesù kellem lin-nies u lid-dixxipli tiegħu, u qalilhom: «Fuq il-katedra ta' Mosè qagħdu l-kittieba u l-Fariżej. Mela kulma jgħidulkom huma agħmluh u ħarsuh,**
F'Mattew l-uniku diskors ieħor li fih Ġesù jkellem kemm lin-nies u lid-dixxipli huwa d-diskors tal-muntanja. Dan jista' jkun ħjiel li l-kap. 23 huwa tkomplija tad-diskors tal-muntanja: biex wieħed jifhmu b'mod sħiħ irid iżomm f'moħħu l-kap 5-7. Iċ-ċanfir u l-kritika li nsibu hawn huma kollegati mat-tagħlim pożittiv tal-muntanja. Ħjiel ieħor li jikkonferma dan huwa li filwaqt li f'kap 5, 1 ikun Ġesù li joqgħod bilqiegħda, issa għandna lill-Fariżej u lill-kittieba li huma bilqiegħda fuq il-katedra ta' Mosè.
Huwa ċar li l-kritika hija lejn l-imġjieba u mhux lejn il-moviment fariżajku fih innifsu, speċjalment fis-sitwazzjoni ta' wara s-sena 70 w.K. (li fiha nkiteb Mattew) fejn il-Fariżej kienu l-uniku grupp reliġjuż li baqa' ħaj u li rnexxielu jsalva l-Ġudajiżmu. Ir-reliġjon Ġudajka kienet issa identifikata magħhom. L-eżortazzjoni ta' Ġesù biex it-tagħlim tagħhom jiġi mħares hija f'kuntrast qawwi ma' 16, 12 ("Imbagħad fehmu li ma kienx qalilhom biex iħarsu rwieħhom

mill-ħmira tal-ħobż, imma mit-tagħlim tal-Fariżej u tas-Sadduċej") u 5, 20ss. Allura liema tagħlim għandu jiġi mħares u liema mwarrab? It-tagħlim li fih il-Fariżej huma mgħallmin awtentitiċi huwa l-interpretazzjoni tat-Testment il-Qadim. It-tagħlim qarrieqi hija l-viżjoni tal-ħajja ta' kuljum, li jgħadduha wkoll lid-dixxipli tagħhom. Ir-riskju li dak li hu korrett u ċar fuq livell teoretiku jibqa' ma jmissx il-mod kif naqra r-realtà u nirraġuna fil-prattika. Dan iwassal għal diskrepanza anki fl-istess tagħlim.

**għax huma kliem biss għandhom, imma fatti xejn. Huma jorbtu qatet kbar u tqal u jgħabbuhom fuq spallejn ħaddieħor, waqt li huma stess anqas b'sebagħhom wieħed ma jridu jħarrkuhom.**

Traduzzjoni oħra tista' tkun "qatet tqal u *li ħadd ma jiflaħhom*". Huma n-numru kbir ta' preċetti li l-Fariżej iddeduċew mil-Liġi u għamluhom obbligatorji. Mattew per eż. jikteb dwar l-abbuż tal-wegħda tal-*qorban* li kienet twassal biex fil-fatt jinkiser saħansitra wieħed mill-kmandamenti (cfr., 15, 3ss). Interessanti li mhux il-każ li l-Fariżej isibuha bi tqila li jgħixu dak li jgħallmu lil ħaddieħor imma li mhumiex interessati li jgħixuh ("ma jridu"). L-attwalità ta' dan fil-Knisja juriha (fost ħafna oħrajn) San Girgor: "*There are some also who investigate spiritual precepts with cunning care, but what they penetrate with their understanding they trample on in their lives: all at once they teach the things which not by practice but by study they have learned; and what in words they preach by their manners they impugn. Whence it comes to pass that when the shepherd walks through steep places, the flock follows to the precipice*" (*Regula Pastoralis* I, 2).

**Kulma jagħmlu, jagħmluh għal għajnejn in-nies; għalhekk ikabbru l-filatteri u jtawlu l-ġmiemen tagħhom.**

Din l-akkuża tkompli ħafna ma' 6, 1-18, fejn anki hemmhekk naraw eżempji ta' reliġjożità li tirriduċi ruħha għal spettaklu pubbliku. Il-ġmiemen, li kienu jitwaħħlu fit-truf tal-mantar, huma preskritti f'*Num* 15, 37-41, mifhuma biex "malli tarawhom tiftakru fil-kmandamenti kollha tal-Mulej" (v.39). X'aktarx li anki Ġesù kien jilbishom (cfr., *Mt* 9,20; 14,36). Il-filatteri huma msemmija f'*Dt* 6,8: "torbothom b'sinjal ma' idek u ddendilhom bejn għajnejk". Din l-indikazzjoni li oriġinarjament kienet sempliċiment metafora, aktar 'l quddiem ġiet intepretata b'mod litterali, u jqumu disputi (per eż. bejn Shammai u Hillel) dwar il-qies tagħhom. Meta Alla ma jibqax fiċ-ċentru dak li suppost ifakkar fih isir strument li jiġbed l-attenzjoni fuq il-bniedem.

**Iħobbu l-postijiet ewlenin fl-imwejjed, u s-siġġijiet ta' quddiem fis-sinagogi, u jixtiequ min isellmilhom fil-pjazez u li n-nies isejħulhom "rabbi".**

Twissija simili Ġesù jagħmilha f'*Lq* 14, 7-11, biex il-mistieden ma jfittixx l-ewwel postijiet. L-ambizzjoni tiddomina anki fid-dar tal-Mulej fejn kien hemm it-tellieqa għall-postijiet speċjali li kienu riservati lill-għorrief tal-komunità, distinti minn dawk tal-poplu. It-titlu "rabbi" ("il-kbir tiegħi") kien jingħata biss f'każijiet eċċezzjonali (kien biss wara l-I seklu w.K. li beda jintuża għall-imgħallmin kollha tal-Liġi) u għalhekk kien sinjal ta' prestiġju kbir. Ir-riskju li wieħed jibni ħajtu fuq l-attenzjoni u r-rikonoxximent ta' ħaddieħor minflok fuq il-grazzja divina. Għalkemm hija mġjieba esterjuri, turi relazzjoni superfiċjali ma' Alla (cfr., *Lq* 18,9ss, il-Fariżew u l-pubblikan).

**Imma intom tħallux min isejħlilkom "rabbi", għax l-Imgħallem tagħkom wieħed hu, u intom ilkoll aħwa. U ssejħu lil ħadd "missier" fuq din l-art, għax il-Missier tagħkom wieħed hu, dak li hu fis-smewwiet. Hekk ukoll tħallux min isejħilkom mexxejja, għax il-Mexxej tagħkom wieħed hu, il-Messija.**

Tibda minn hawnhekk l-antiteżi mal-parti ta' qabel. Din hija regola komunitarja qasira: fil-komunità kristjana l-affarijiet għandhom ikunu differenti. Il-projbizzjoni tat-titlu "rabbi" ma tfissirx li ġiet imneħħija wkoll il-funzjoni tal-imgħallem (il-preżenza ta' mgħallmin fil-komunità hija ċara minn 23, 34 u 13, 52). Imma kull min għandu din il-funzjoni għandu jżomm f'moħħu li hu sempliċiment qaddej tal-Imgħallem waħdieni: "Ħuti in-nies għandhom iħarsu lejna bħala ministri ta' Kristu u amministraturi tal-misteri ta' Alla." (*1 Kor* 4, 1). Dan iwassal biex wieħed jibda jfittex li ma jkunx hu l-protagonista, li jkun inqas iffukat fuqu nnifsu, biex il-messaġġ ta' Alla imwassal permezz tiegħu jkun iktar awtentiku. Barra minn dan, jekk id-dixxipli jkunu lkoll aħwa se joħroġ iktar ċar li l-komunità ma tiddependix minn xi ħadd fuq din l-art, imma mill-Missier tas-smewwiet. L-attenzjoni mir-riskju li nistennew jew nippretendu minn xi ħadd fil-Knisja dak li jista' jagħti Alla waħdu. Kristu biss huwa r-"Ras tal-Knisja" (cfr., *Ef* 1, 10. 22)

**Il-kbir fostkom għandu jkun il-qaddej tagħkom; min jitgħolla, jitbaxxa, u min jitbaxxa, jitgħolla».**

Hemm qbil li dawn huma żewġ *logia* oriġinali ta' Ġesù. Diġa f'20, 26-28 insibu frażi simili li tenfasizza l-kuntrast ma' dak li jagħmlu s-setgħanin tal-art ("Fostkom ma għandux ikun hekk"). Issa l-kuntrast huwa mas-sinagoga, minħabba li fiha ma kienx hemm regoli li jobbligaw lill-kbir ikun qaddej taż-żgħir. Ninsabu fil-preżenza ta' xi ħaġa li hi speċifikament kristjana. Il-fatt li dan il-vers jitqiegħed dritt wara regola komunitarja, jindika kif għandhom jiġu mifhuma l-

ministeri fil-komunità: meta wieħed jidħol għal ministeru il-motivazzjoni korretta għandha tkun il-qadi taż-żgħir. It-tagħlim li Alla jiġġudika l-kburija jew l-umiltà personali u jaqleb ta' taħt fuq l-ordni uman huwa f'kontinwità mat-Testment il-Qadim (cfr., *Ġob* 22, 29; *Prov* 29, 23; *Iż* 3, 17; 10, 33b); f'*Eż* 21, 31b naqraw: "Min hu baxx jitgħolla, u min hu għoli jitbaxxa". Iżda filwaqt li fl-antik dawn kienu jservu iktar bħala regoli ta' kif wieħed iġib ruħu fil-komunità, issa l-Knisja qed tistenna l-ġudizzju eskatoloġiku ta' Alla: "Għalhekk tiġġudikawx qabel il-waqt sa ma jiġi l-Mulej; hu għad joħroġ għad-dawl dak li hu moħbi fid-dlam, u jikxef il-fehmiet mistura tal-qlub. U mbagħad kull wieħed jieħu mingħand Alla t-tifħir li jkun jistħoqqlu." (*1 Kor* 4, 5)